2 ta' Ġunju, 1950

**Imħallfin:**

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.
L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

**Francesco Grima pr. et ne. *versus* Emmanuele Camilleri ne. (*)**

## Bejgħ — Merkanzija Diversa fil-Kwalità minn dik Pattwita — Kampjun.

*Meta l-merkanzija tkun ta' kwalità diversa minn dik li ġiet miftehma bejn il-partijiet, il-kumpratur għandu dritt jirrifjutaha, avvolja l-bejgħ sar bil-kampjun u dan ikun jaqbel mal-merkanzija.*

Il-Qorti. — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ fejn l-attur, wara li qal illi huwa ordna minn għand il-konvenut nomine mitt (100) kaxxa kunserva tat-tadam "El metto", bil-prezz komplessiv ta' £442, bil-kondizzjoni li tkun bħal kampjun li ġie muri lilu mill-konvenut nomine; u illi fil-25 ta' Marzu 1947 huwa rtira minn għand il-konvenut nomine l-imsemmija kaxxi mingħajr ma fetaħhom; u li meta huwa fetaħ il-kaxxi sab li l-laned kienu kollha msadda minn barra u minn ġewwa, u l-kunserva, minflok tat-tadam, kienet tal-ħaxixa, togħma ħażina, tant li ħadd ma ried jixtriha; u li l-konvenut nomine, interpellat bi protest tad-29 ta' Marzu 1947 (dok. A) biex jerġa' jirtira lura l-imsemmija kaxxi u jirrestitwixxi l-prezz imħallas minnu, huwa ma riedx, u rrisponda b'kontroprotest tal-1 ta' April 1947 (dok. B), u l-attur iddepożita l-imsemmija merċi taħt l-awtorità ta' dina l-Qorti biex jeżimi ruħu minn kwalunkwe responsabilità (dok. C); talab li, premessa, jekk hemm bżonn, ir-rexissjoni tal-bejgħ, (1) jiġi dikjarat u deċiż li l-kunserva konsenjata mhijiex bħall-kampjun tat-tadam, u għandha togħma ħażina, u ma hijiex tajba għall-ikel, u (2) il-konvenut nomine jiġi kundannat jirtira l-mitt (100) kaxxa konsenjata u depożitata kif ingħad fuq, u jirrestitwixxi s-somma ta' £442, prezz imħallas minnu lill-konvenut nomine. Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-protest tad-29 ta' Marzu 1947 u tad-depożitu tal-15 ta' April 1947;

---

(*) Ara sentenza mogħtija f'din il-kawża (publikata) fl-20 ta' Ottubru 1950, li biha ġiet miċħuda t-talba għall-permess biex isir appell lill-Kumitat Gudizzjarju tal-Maestà Tiegħu r-Re.

u bl-imgħax kummerċjali fuq is-somma msemmija mill-gurnata tal-ħlas ta' dik is-somma sa dik tar-restituzzjoni tal-prezz;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjoni tal-konvenut, li biha rrespinga d-domandi ta' l-attur billi l-merkanzija hija konformi għall-kampjun;

Rat is-sentenza mogħtija fil-25 ta' Gunju 1949, li biha ġie dikjarat li l-kunserva in kwistjoni kienet ta' togħma mhix aċċettabili fis-suq lokali, u fl-istat li kienet mhix merkantili għall-ikel; u ġiet milqugħa t-tieni talba; bl-imgħax u bl-ispejjeż kontra l-konvenut; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi mill-provi li saru rriżulta li f'Diċembru 1946, il-konvenut, per mezz ta' mandatarju, offra l-bejgħ ta' 100 kaxxa kunserva tat-tadam f'laned tal-marka "Elmetto". Il-pjazzista Domenico Muscat wera lill-attur bott miftuħ, mimli kunserva sa nofsu u mgeżwer f'karta. L-attur ħa l-bott u wrieh lil ħuh, u wara mar ikkonferma l-ordni tal-100 kaxxa kunserva lill-mandatarju tal-konvenut. Jidher ċar li, kien x'kien dak il-bott, l-attur ordna kunserva tat-tadam. u l-konvenut biegħhu b'kunserva tat-tadam........... U li l-attur ma setax kellu l-ħsieb ta' kunserva bil-ħwawar jew ħxejjex huwa wkoll argomentabili mill-fatt li huwa riedha għall-bejgħ f'Malta; u f'Malta kunserva mħawra bi ħxejjex la kienet solitu tiġi impurtata, u lanqas ma kien hawn domanda għaliha;

Meta wasal il-merkanzija f'Malta, l-attur ħallas id-dazju u l-prezz, u rtiraha, u beda jqassam minnha lill-parruċċani tiegħu. Iżda l-parruċċani dlonk bdew jirrifjutawha jew ireġġgħuha lura, għax sabuha b'togħma qawwija ta' ħwawar u ħxejjex, u ma kienetx timxi fis-suq ta' dal-pajjiż. Barra minn dan, l-attur sab il-laned imsaddin u xi wħud minfuħa jew inixxu minnhom, u għalhekk l-attur għamel protest.................;

F'dina l-kawża rriżulta li l-periti eżaminaw il-bottijiet ta' ftit kaxex li fetħu addoċċ, u sabuhom kollha msaddin...... u f'dak l-istat il-kunserva ma kienetx merkantili. Il-kunserva ma kienetx sempliċement tat-tadam, iżda kienet imħallta bi ħxejjex, kif jingħad fuq il-bottijiet stess; u għalhekk kienet ta' kwalità li minnha mhux solitu tiġi f'dan il-pajjiż, u li għaliha ma hemmx domanda, għax in-nies ma tiggostahiex.............. U għalhekk id-deterjorazzjoni tal-bottijiet u

-tal-konvenut taghhom ma setax kien dovut bhal ghal xi difett tal-ħanda jew tal-mod ta' l-użu tagħha; u dana huwa vizzju redibitorju, għax il-bottijiet ġew f'kaxex magħluqa.........;

B'dana kollu, ir-raġuni prinċipali li ġiegħlet lill-attur jipprotesta l-merkanzija kienet il-kwalità tal-kunserva tat-tadam biss............. L-attur xehed li l-kunserva tal-kampjun ma kienetx bħal dik li rċieva sussegwentement u li fuqha hawn il-kawża; fil-waqt li l-pjazzista Domenico Muscat xehed li kien urieh kunserva "con verdure secche". Mill-kampjun li allura kellu l-konvenut ma nżammx l-ebda wieħed għall-paragun; u għalhekk tibqa' kwistjoni ta' kredibilità dik ta' kif kienet il-kunserva li ra l-attur qabel ma għamel l-ordni tal-100 kaxxa. Mill-kumpless ta'-provi jidher li l-bott miftuħ li l-attur ra qabel ma ikkonferma l-ordni kien fih kunserva bil-ħwawar u ħxejjex; iżda ġiet kwalifikata mhux bħala tali, imma bħala kunserva tat-tadam semplici, mentri fil-fatti ma kienetx, b'mod li l-attur tqarraq u sab li xtara ħaġ'oħra;

Fl-aħħar nett, il-fatti li l-kunserva ġiet f'laned użati u mhux ivverniċjati minn ġewwa, b'mod li jekk ma kienux kollha msaddin diġà, kif xehed l-attur, kienu f'kondizzjoni li jsaddu, u għalhekk jiddeterjoraw ruħhom f'qasir żmien, filwaqt li huwa ċert li l-attur ma kienx avżat li l-laned kellhom jiġu mhux ivverniċjati minn ġewwa u godda, bħa' ma soltu bħala regola tiġi l-kunserva minn barra, jiddeprezza l-merkanzija, u jagħti lok għat-tħassir tax-xiri, għax jikkostitwixxi vizzju redibitorju;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut nomine, u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi jiġu respinti d-domandi ta' l-attur, bl-ispejjez taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi f'Diċembru 1946, l-attur appellat għamel ordinazzjoni lill-konvenut........... L-attur kien soltu jagħmel lill-appellant ordinazzjonijiet simili ta' kunserva tat-tadam tal-marka "Ebnetto", li kienet marka tajba ħafna, u bħala tali magħrufa fis-suq ta' Malta. Fl-okkażjoni ta' l-ordinazzjoni in kwistjoni l-appellant isostni li din ma kienetx tirrigwarda kunserva tat-tadam bħal tas-soltu iżda "Conserva di pomodoro con

verdure scelte'', skond il-kampjun li ġie eżibit lill-appellat u t-tikketta li kien hemm fuqu. Min-naħa l-oħra l-attur appellat isostni li huwa ordna kunserva tat-tadam, li ma tixbah xejn lil dik li ġiet lilu konsenjata;

**Ikkunsidrat;**

**Illi l-pretensjoni ta' l-attur li huwa ordna kunserva tat-tadam tinsab imsaħħa mill-fattura..............;**

**Ikkunsidrat;**

Illi ċ-ċirkustanzi fuq imsemmija, li jikkorroboraw ix-xhieda ta' l-attur, huma fil-ħsieb tal-Qorti suffiċjenti biex jiġi ritenut li l-kampjun li fuqu l-attur għamel l-ordinazzjoni ma kienx konformi għall-merkanzija konsenjata, iżda kien biss kampjun tat-tadam bla ebda differenza minn dik li kienet tiġi qabel, ħlief li l-kulur tagħha kien aktar oskur. *Jirriżulta* **mill**-provi li l-attur ordna kunserva tat-tadam, u li l-konvenut, kif jidher mid-dokumenti fuq imsemmijin, fehem sewwa x'kien l-ordni li sarlu. Għalhekk, anki kieku, għal grazzja ta' l-argument, il-kampjun kien konformi għall-merkanzija li waslet, l-attur seta' dejjem jirrifjuta dik il-merkanzija, għaliex ta' kwalità differenti minn dik pattwita. Ġie infatti ritenut minn din il-Qorti fit-18 ta' Frar 1924, in re "Busuttil vs. Micallef" (Kollez. Vol. XXV, parte I, pag. 1041) li "come è stato più volte deciso da questi tribunali (Corte di Commercio 29 Marzo 1890, "Pace vs. Pace", Collez. XII, 421, e Prim'Aula della Corte Civile, 30 Giugno 1898, "Scicluna vs. Attard", Vol. XVI, parte II, 295), quando nella vendita è pattuita una qualità della merce, se essa, quantunque conforme al campione, non è quale fu descritta nella convenzione, può essere rifiutata dal compratore" (ara wkoll fl-istess sens sentenzi ta' din il-Qorti tal-11 ta' Frar 1937 in re "Bonaci vs. Wismayer" u "Wismayer vs. Bonaci", u tat-8 ta' Mejju 1939, in re "Portelli vs. Laferla"; u Ricci Vol. 7, no. 106, u Vidari Vol. 3, p. 467);

Ikkunsidrat;

Illi billi l-merkanzija in kwistjoni ma kienetx tal-kwalità ordnata mill-attur appellat, dana kellu d-dritt kollu jirrifjutaha, bħal ma għamel. In vista ta' din il-konklużjoni li għaliha waslet il-Qorti, ma hemmx lok li jiġu eżaminati l-kwistjonijiet l-oħrajn miġjubin 'il quddiem fil-petizzjoni dwar l-

ammissibilità jew le tal-vizzju redibitorju relattivament ghall-merkanzija kon-enjata lill-attur;

Ghar-ragunijiet fuq migjuba u ghal dawk ta' l-Ewwel Qorti, safejn kompatibili;

**Tiddikjara u tiddecidi li l-kunserva in kwistjoni mhix konformi ghall-kampjun,** ghandha toghma hażin, u mhix merkantibili ghall-ike; u f'dan is-sens tirriforma d-dikjarazzjoni tas-sentenza appellata dwar l-ewwel domanda migjuba bic-citazzjoni; u tikkonferma dik is-sentenza ghall-kumplament; bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-konvenut appellant;

U biss fis-sens fuq imsemmi rriformat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerċ ta' Maestà tar-Re fil-25 ta' Gunju 1949, u rrespingiet l-appell tal-konvenut.

---